MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 314/2008/1

**Marie Louise Perici Calascione.**

**vs.**

**Joseph Perici Calascione.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Joseph Perici Calascione datat 4 ta' Frar 2009 a fol. 38 tal-process fejn ippremetta:-

Illi permezz ta' Avviz, l-attrici talbet sabiex l-esponenti jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €3,494.06 rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti *a tenur* ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 10 ta' Lulju 2003, u dan ghall-perjodi indikati fl-istess Avviz u cioe` bejn Gunju 2004 sa Dicembru 2004, Jannar sa Novembru 2005, u minn

Jannar 2006 sa Gunju 2007, u Awwissu 2007, u kif ukoll l-ammont mitlub li jirrapprezenta s-sehem tal-istess esponenti ghall-ispejjez edukattivi ghal dawn l-ahhar 12-il xahar;

Illi l-esponenti, permezz ta' risposta, l-esponenti eccepixxa li m'ghandu jaghti xejn lill-attrici u *in oltre* kien hallas aktar minn dak li kellu jhallas tul is-snin u ghalhekk m'ghandux jirrizulta li huwa debitur tal-attrici;

Illi permezz ta' sentenza datata 15 ta' Jannar 2009, it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar laqa' t-talbiet attrici u kkundanna lill-esponenti jhallas l-ammont mitlub ta' €3,494.06;

Illi l-esponenti jhossu aggravat minn din is-sentenza, u ghaldaqstant qieghed jinterponi umli appell minnha;

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti: il-partijiet huma mizzewgin, izda sseparaw permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi. Filwaqt illi l-attrici qieghda tallega li hija dovuta xi flus bhala arretrati, il-verita` hi li l-esponenti dejjem hallas li kellu jaghti, u terga' gieli taha iktar;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

1) L-esponenti gie pregudikat *ai termini* tal-**artikolu 8 (2) (d) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-lanjanza tal-esponenti fl-Appell *de quo* tikkoncerna l-fatt illi huwa ma inghatax l-opportunita` sabiex jiddefendi l-kaz tieghu, b'equita` skont id-dettami tal-**Kap 380**, u *di piu`* ma tharislux il-principju tal-gustizzja naturali tal-*'equality of arms'* u li jkollu *'fair hearing'*. Dan jinghad, kif se jigi spjegat f'dan l-Appell, *stante* illi x-xhieda tal-attrici appellata, maghmula bil-procedura tal-affidavit u b'dokumenti, qatt ma giet notifikata lilu, u *stante* li t-Tribunal in Prim'Istanza agixxa b'mod li ma ppermettiex lill-esponenti jressaq il-provi tieghu.

Illi f'pagna 2 tas-Sentenza appellata, it-Tribunal in Prima'Istanza qal kif gej:-

*"Ra l-verbali tas-seduti fosthom dawk fejn jirreferu ghall-fatt illi l-konvenut u l-avukat difensur tieghu naqsu li jdhru ghall-istess seduti u kif ukoll naqsu li jressqu l-provi taghhom in sostenn tal-kontestazzjoni minnhom sollevata.*

*Ra fil-fatt illi ghalkemm il-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq provi in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu huwa naqas li jaghmel dan u ghalhekk dan it-Tribunal ghadda ghal din is-Sentenza in segwitu ghall-verbal illi huwa kien ta fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2009."* [enfasi mizjud]

**A) Il-Premessi hawn fuq riportati tas-Sentenza mhux korretti.**

L-esponenti jissottometti bl-akbar rispett illi din il-konsiderazzjoni ma hiex korretta - kif jirrizulta mill-Atti processwali, din il-kawza damet ghall-perjodu konsiderevoli sabiex l-esponenti jigi notifikat bit-talba attrici, u wara li n-notifika saret kien hemm **biss tliet udjenzi** – il *primo appuntamento* veru u proprju **[12 ta' Dicembru 2008]**, udjenza fejn instemghu provi **[6 ta' Jannar 2009]**, u udjenza fejn inghatat is-Sentenza, **[15 ta' Jannar 2009].**

**Fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2008**, li kienet l-ewwel udjenza fejn il-proceduri bil-miktub dehru li tlestew, it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghall-provi kollha tal-attrici, inkluz bl-affidavit [ghaliex hekk kien mitlub mill-attrici oralment] ghas-6 ta' Jannar 2009. **Dan jista' jigi kkonfermat bil-gurament mill-avukat tal-attrici appellata, l-Avukat Owen Bonnici.** Dan jinghad, bl-akbar rispett, *stante* illi l-verbal tas-seduta erronjament ma jirriflettix il-kliem 'provi kollha tal-attrici' izda 'provi kollha' - zball li 'l quddiem kompla jippregudika l-pozizzjoni tal-esponenti kif se jinghad. Madanakollu, jerga' jinghad bir-rispett, u kif jista' jigi kkonfermat mill-Avukat Owen Bonnici, illi d-differiment inghata ghall-provi kollha tal-attrici u mhux ghall-provi kollha tal-partijiet;

**Fit-tieni udjenza proprja, cioe` tas-6 ta' Jannar 2009**, l-attrici appellata pprezentat affidavit taghha b'dokumenti u ddikjarat li ma kellhiex iktar provi, izda l-konvenut ma kienx deher ghall-udjenza. It-Tribunal, b'referenza ghall-verbal precedenti [li tnizzel erronjament kif diga` inghad] iddifferixxa l-kawza ghall-15 ta' Jannar 2009 ghall-ahhar darba ghall-provi tal-esponenti, bl-intiza li fin-nuqqas jghaddi ghas-Sentenza.

**Fit-tielet udjenza, tal-15 ta' Jannar 2009**, it-Tribunal tas-Sentenza hawn appellata *stante* li l-esponenti ma resaqx biex jipprezenta l-provi tieghu. Kif se jinghad 'il quddiem, *in vista* tal-fatt li dan id-differiment kien biss gimgha 'l boghod minn ta' qablu, l-esponenti ma setax ikun jaf x'gara fis-6 ta' Jannar 2009. L-esponenti, *tramite* l-avukat sottoskritt kien ilu jfittex il-verbal tad-differiment tas-6 ta' Jannar 2009, *sia* fuq l-*internet sia* fir-Registru tat-Tribunal, izda meta rnexxielu fl-ahhar jiehu konjizzjoni tal-istess, id-data kienet it-18 ta' Jannar 2009, cioe` 12-il jum mill-udjenza tas-6 ta' Jannar [u cioe`, jekk wiehed jaghti *average* ta' tliet gimghat/xahar bejn differiment u iehor kif solitament isir, f'sitwazzjoni analoga u normali, jigi zmien tajjeb], pero' 3 ijiem biss wara li nghatat is-Sentenza appellata.

**B) L-aggravju**

L-esponenti, f'dan l-isfond hass li t-Tribunal, bl-agir tieghu ippregudika l-esponenti *ai termini* tal-**artikolu 8 (2) (d)** tal-**Kap 380**. Dan jinghad, bl-ikbar rispett ghaliex meta wiehed jikkunsidra l-isfond ta' x'gara effettivament f'dan it-tliet udjenzi, ghandu jara s-segwenti:-

1) Il-fatt li d-differiment tat-12 ta' Dicembru 2008 tnizzel hazin [cioe` minflok 'provi kollha tal-attrici jaqra 'provi kollha'] gab sitwazzjoni fejn in-nuqqas ta' dehra fis-6 ta' Jannar 2009 gab b'konsegwenza differiment qasir immens ta' gimgha li ma setax jigi kkontrollat jew ippreparat ghalih, u dan ghaliex it-traskrizzjonijiet tal-verbal ma kenux lesti, la fil-process u lanqas fuq l-*internet*, ghal diversi jiem;

2) Irrispettivament tal-fatt jekk id-differiment fit-12 ta' Dicembru 2008 tnizzilx korrettement jew le, il-fatt hu li t-Tribunal, fl-udjenza tas-6 ta' Jannar 2009, ta differiment ghall-15 ta' Jannar 2009 - merament gimgha. L-esponenti, *tramite* l-avukat sottoskritt, ipprova diversi drabi sabiex jottjeni l-verbal ta' dik l-udjenza, *sia* mill-*internet* kif ukoll mir-Registru tat-Tribunal, izda ghal diversi jiem it-traskrizzjoni fil-Qorti ma kenitx tlestiet sal-15 ta' Jannar u lanqas ma kienet ittellghet, konsegwenzjalment fuq l-*internet*. L-esponenti, ghalhekk ingieb fl-impossibbilta` li josserva dak li gara fl-udjenza sabiex jirregola ruhu. *Di piu`*, fil-kaz in dizamina, peress illi l-esponenti eccepixxa l-hlas, l-esponenti ngieb ukoll fl-impossibbilta` li jharrek ir-rapprezentanti tal-Bank [peress illi l-provi tieghu kienu ser ikunu limitati ghax-xhieda tal-esponenti u l-Bank - liema xhieda certament ma kienx se jirrekjedi hafna hin u iktar minn seduta wahda sabiex jixhdu u jesebixxu kopji tac-cekkijiet li hu kien hallas bihom - huwa risaput illi sabiex tahrika ta' xhud tigi ezegwita u r-referta tigi ritornata fil-process jehtieg madwar 3 gimghat - ghalhekk differiment ta' gimgha certament ma kienx ser ikun bizzejjed ghal tali tahrika.

L-esponenti jissottometti bir-rispett, illi t-Tribunal messu tal-inqas ta differiment bi zmien iktar ragjonevoli biex l-esponenti jkun inghata opportunita` vera [tal-ahhar kif jghid it-Tribunal] sabiex iressaq il-provi tieghu - ma hux kredibbli u lanqas ekwu illi opportunita` daqstant importanti bhall-ahhar opportunita` biex jitressqu provi tinghata gimgha ghaliha biss.

3) Filwaqt illi t-Tribunal in Prim'Istanza seta’ kellu kull dritt li jaghti differiment daqshekk fil-qasir, *ossia* ta' gimgha, il-fatt hu li *de minimis*, biex ikun cert li l-partijiet ikunu avzati u preparati *in vista* tad-differiment daqshekk qasir, galadarba *si trattava* ta' udjenza intiza ghall-provi, seta’ tal-inqas jordna komunika biex il-partijiet ikunu avzati.

4) Lanqas ma hi korretta ghalhekk il-parti tas-Sentenza hawn fuq riportata - mhux korrett illi l-esponenti inghata 'diversi' opportunajiet biex iressaq ix-xhieda tieghu.

Filwaqt li l-esponenti jsostni li huwa effettivament ma inghatax opportunita` biex iressaq ix-xhieda tieghu, *stante* li l-udjenza tas-6 ta' Jannar 2009 suppost kienet intiza ghall-provi kollha tal-attrici, imbaghad fil-15 ta' Jannar 2009 inghatat is-Sentenza, anke li kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tiskarta dan, jirrizulta cert mill-atti processwali illi effettivament, jekk wiehed joqghod fuq il-verbal [kontestat mill-esponenti] tat-12 ta' Dicembru 2009, allura fis-6 ta' Jannar 2009 kien hemm seduta wahda ghall-provi, u dik biss, ghaliex fil-15 ta' Jannar 2009 inghatat is-Sentenza.

5) L-argumentazzjoni tal-esponenti f'punt 4 jifisser ukoll, fl-umli fehma tal-esponenti, illi kuntrarjament ghal dak li inghad fil-verbal tas-6 ta' Jannar 2009, mhux minnu li fil-15 ta' Jannar 2009 l-esponenti kien se jinghata opportunita` ohra biex jipprezenta x-xhieda tieghu, izda s-Sentenza kienet diga` allura ppreparata, u fil-fatt inghatat fid-differiment meta suppost l-esponenti kellu l-ahhar opportunita` biex iressaq provi, minflok mat-Tribunal ghogbu jiddifferixxi ghas-Sentenza, kif solitament isir.

6) L-esponenti jkompli, bir-rispett kollu, jsostni illi kien pregudikat *ai termini* tal-**artikolu 8 (2) (d) tal-Kap 380**, ghaliex kif ukoll jirrizulta mill-Atti processwali, huwa qatt ma gie notifikat bl-affidavit tal-attrici appellata, b'dan li anke bil-mod kif saru d-differimenti, ma kienx ser ikollu l-opportunita` li jaghmel il-kontro-ezami tal-istess attrici appellata. It-Tribunal in Prim'Istanza naqas milli jordna n-notifika ta' tali art, flimkien mad-dokumenti prezentati, in-notifika ta' liema trid issir skont il-Ligi - dan in segwitu tal-principju tal-*equality of arms*, li f'dan il-kaz l-esponenti jsostni bl-akbar rispett illi ma giex osservat fil-konfront tieghu.

L-esponenti ghalhekk jissottometti bir-rispett illi l-agir tat-Tribunal ma ppermettilux iressaq provi - fl-ewwel lok jigi ribadit, ghalkemm il-verbal juri xort'ohra, li l-udjenza tas-6 ta' Jannar 2009 kienet intiza ghall-provi kollha tal-attrici biss, b'dan allura li jekk fid-differiment li kien imiss inghatat Sentenza, allura qatt ma inghatalu cans igib provi hu. Fit-tieni lok, anke li kieku dan l-argument principali ma

jigix accettat, jibqa' l-fatt li *nonostante* l-fatt li wara s-6 ta' Jannar 2009 inghata differiment iehor [ghalkemm ta' gimgha biss] ghall-provi, effettivament inghatat Sentenza u allura dik ma kienet opportunita` xejn.

Daqskemm l-esponenti, anke li kieku rnexxielu b'xi mod jiskopri bid-differiment f’dik il-gimgha krucjali, u l-verbal tas-6 ta' Jannar 2009 qabel il-15 ta' Jannar 2009, xorta wahda kien ikun sprovvist mill-affidavit tal-attrici, u ghaldaqstant ma kienx ikun jista' jaghmillha l-kontro-ezami - dan bi ksur tal-Ligi li tghidlek li kull dokument li jigi pprezentat trid tinghata kopja tieghu lill-kontroparti, u dan it-Tribunal naqas li josservah u jordna n-notifika ta' tali dokumenti, b'dan li l-esponenti isostni li gie lez il-principju tal-*equality of arms*.

L-esponenti ghalhekk hassu aggravat bis-Sentenza appellata ghaliex ma hassx li kien *on an equal footing* ma' l-attrici appellata - kif din l-Onorabbli Qorti zgur tapprezza bhala argumentazzjoni, l-esponenti f’dan l-appell mhux daqshekk interessat fil-mertu proprju *stante* li l-lanjanza tieghu hija li ma nzammewx ir-regoli ta' ekwita` u imparzjalita` fil-konfront tieghu, u xtaq illi sew jekk jirbahx u jitlifx il-kawza fuq il-mertu, almenu jkun inghata opportunita` vera u serja sabiex jiddefendi l-kaz tieghu billi mhux biss jinstema', izda li, kif trid il-Ligi, jitghaddulu d-dokumenti kollha pprezentati mill-parti l-ohra halli hu jkun jista’ jirregola ruhu skont il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi u l-atti processwali kollha u jirrizerva illi jipproduci provi ulterjuri u li jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri skont il-Ligi, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-15 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut appellanti, tichad it-talbiet attrici u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

Rat li l-appellata giet debitament notifikata bir-rikors tal-appell fit-18 ta’ Mejju 2009 izda ma’ pprezentat l-ebda risposta.

Rat li l-inkartament ta’ dan il-kaz gie mdahhal fl-atti ta’ din il-kawza fl-20 ta’ Mejju 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras tas-26 ta’ Gunju 2009 fejn astjeni milli jiehu konujizzjoni tal-kaz ai termini tal-**artikolu 734 (d) tal-Kap. 12** ghaliex kien jippatrocinja l-appellanti odjern, u allura fejn il-Qorti ordnat il-kancelliment ta’ dan l-appell minn fuq il-lista tal-appelli taghha b’dan li ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jassenja l-istess appell lill din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat s-surroga skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 11 tal-Kap. 12** tas-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim Imhallef Vincent De Geatano datata 7 ta’ Lulju 2009 fejn assenja lill din il-Qorti kif komposta sabiex tisma’ dan l-appell.

Rat illi dan l-appell gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta’ Novembru 2009 fejn meta ssejjah l-appel deher Dr. Owen Bonnici ghall-appellata Marie Louise Perici Calascione, u Dr. James D’ Agostino ghall-konvenut appellat. Rat li l-Qorti waqt li kien jitratta Dr. James D’ Agostino, staqsiet lil Dr. Owen Bonnici jekk il-verbali kienux korretti anke *in vista* tal-kontenut tal-appell propost u *“Dr. Bonnici rrisponda li hu dejjem insista quddiem it-Tribunal li l-parti l-ohra tinghata l-opportunita` li tressaq il-provi u dan zgur fis-seduta tas-6 ta’ Jannar 2009, anzi f’kull seduta”.* Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta’ Dicembru 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'dan l-appell l-appellanti qed isostni li huwa ma inghatax l-opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu b'ekwita' taht id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 8 (2) (d) tal-Kap 380** u dan kemm ghaliex ix-xhieda tal-attrici prodotta b'affidavit qatt ma giet notifikata lilu u wkoll peress li l-istess Tribunal ghal Talbiet Zghar agixxa b'mod li ma ppermettiex li l-konvenut appellanti iressaq il-provi tieghu.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li ghalkemm il-proceduri gew istitwiti quddiem l-istess Tribunal mill-attrici fl-14 ta' April 2008 il-konvenut gie biss notifikat fis-26 ta' Novembru 2008 (a tergo fol. 16) u pprezenta risposta fit-12 ta' Dicembru 2008 (fol. 17) u dan gie verbalizzat fis-seduta tal-istess data b'dan li l-kawza thalliet ghall-provi kollha nkluza bl-affidavit ghas-6 ta' Jannar 2009; fis-6 ta' Jannar 2009 dehret biss l-attrici u d-difensur taghha, u din ressqet ix-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavit b'nota pprezentata *seduta stante*, u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenut ghal 15 ta' Jannar 2009, b'dan li gie verbalizzat li *"jekk dakinhar ma jitresqux l-ebda provi, t-Tribunal minn issa jirriserva li jghaddi ghas-sentenza".*

Illi jirrizulta li l-affidavit attrici bl-ebda mod ma gie notifikat lill-kontro-parti u fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2009, il-konvenut u d-difensur tieghu ma dehrux, u hemm verbalizzat li l-attrici insistiet li l-kawza tmur ghas-sentenza, u it-Tribunal wara li ddikjara li ra l-verbal precedenti, laqa' t-talba u ghadda dakinhar stess sabiex ta s-sentenza fejn laqa' t-talbiet attrici wara li qal li l-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu u huwa naqas li jgib provi li jsostnu d-difiza minnu sollevata.

Illi l-Qorti tinnota li fil-procedura odjerna,l-attrici appellata ma ressqet l-ebda risposta, anzi gie verbalizzat mid-difensur taghha fil-presenza taghha li huwa dejjem insista quddiem it-Tribunal li l-parti l-ohra tinghata l-opportunita' li tressaq il-provi. Fil-verita', u wara li din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-atti kollha processwali, thoss li l-appellant ma inghatax din l-opportunita, u dan peress li fis-6 ta'

Jannar 2009, anke jekk jigi ritenut li l-kawza kienet thalliet ghall-provi kollha tal-partijiet, il-provi attrici mressqa b'affidavit qatt ma gew notifikati lill-konvenut u qatt ma inghataw lilu; ma' dan jizdied li l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenut ghal 15 ta' Jannar 2009, b'dan li l-istess Tribunal irriserva li jekk ma jitressqux provi t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza. Peress li jirrizulta li l-istess verbal lanqas kien disponibbli ghall-konvenut, kif jirrizulta mill-atti tal-istess appell – li ma humiex lanqas kontestati, jidher li t-Tribunal, fuq talba attrici ghadda dakinhar stess ghas-sentenza, b'dan li l-konvenut induna bl-istess biss bil-verbal tas-6 ta' Jannar 2009 u wkoll allura bis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2009 biss fit-18 ta' Jannar 2009, ghaliex qabel l-istess data il-verbali lanqas kienu disponibbli ghalih.

Illi jirrizulta ghalhekk li minhabba l-mod kif l-istess differimenti gew traskritti u wkoll minhabba t-terminu qasir bejniethom l-istess konvenut ma setghax mhux biss ikun jaf x'qed jigri fl-istess, izda wkoll li jsegwi l-istess, u minhabba dan in-nuqqas, u wkoll nuqqas ta' notifika tax-xhieda prodotta b'affidavit mill-attrici, l-konvenut, anke kif indikati fl-aggravvju 2 tal-appell, ma setghax jirregola u jressaq id-difiza tieghu, anke ghaliex ma kellux disponibbli ghalih l-istess verbali, u ma kienx konxju tal-provi attrici, u lanqas kellu zmien bizzejjed sabiex iharrek x-xhieda li kellu jressaq. Mhux hekk biss, izda din il-Qorti thoss li effettivament il-kawza thalliet ghall-provi konvenut ghall-15 ta' Jannar 2009 u r-riserva li ghamel l-istess Tribunal, li fin-nuqqas ta' provi jghaddi ghas-sentenza, hija wahda li ma hijiex gudizzjarjament korretta u tmur kontra l-principji ta' smigh xieraq, u dan iktar u iktar meta filfatt dakinhar stess qabdet u ghaddiet ghas-sentenza.

Illi din il-Qorti thoss li bil-mod kif gew redatti l-verbali nkluz fejn il-kawza thalliet ghall-provi b'riserva li tinghata sentenza, bil-mod kif saru d-differimenti, u mizjud ma' dan hemm ukoll il-fatt li l-affidavit u d-dokumenti attrici qatt ma gew moghtija lill-konvenut, iwasslu sabiex din il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut ma inghatax fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-opportunita' effettiva li jressaq il-provi tieghu skont id-difiza minnu moghtija, u dan iwassal

sabiex jinghad li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jinghad li l-konvenut gie trattat b'mod mhux imparzjali u mhux skont l-ekwita' u d-dettami ta' smigh xieraq, tant li dan sar bi pregudizzju ghall-appellant anke bil-mod kif provdut fl-artikolu **8 (2) (d) tal-Kap. 12.** Dan iktar u iktar in vista tal-mod kif l-attrici rreagixxiet ghal dan l-appell billi mhux biss naqset milli tipprezenta risposta, izda *tramite* d-difensur taghha vverbalizzat li hija dejjem insistiet quddiem it-Tribunal, li l-konvenut jinghata opportunita' sabiex iressaq il-provi tieghu, u dan inkluz fl-ahhar seduta quddiem l-istess, u allura minkejja dak verbalizzat.

Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti thoss li l-appell ghandu jigi milqugh u s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar qed tigi mhassra u revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, b'dan li l-istess kaz ghandu jigi rimess lit-Tribunal sabiex in konformita' ma' l-istess jigi deciz skont il-ligi u dan ovvjament sabiex l-istess konvenut ikollu l-opportunita' li jressaq il-provi minn naha tieghu u l-kaz jigi deciz skont il-ligi.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' l-appell tal-appellanti kif interpost fir-rikors tieghu tal-4 ta' Frar 2009, u dan fis-sens hawn deciz u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tat-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar fl-ismijiet **"Marie Louise Perici Calascione vs Joseph Perici Calascione"** tal-15 ta' Jannar 2009 u konsegwentement tibghat u tirrinvija l-atti lura lill-istess Tribunal Ghal Talbiet Zghar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

Bl-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------